MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru 13/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**David Schembri ta’ 59 sena, bin Carmelo u Helen nee’ Holland, imwieled Mosta nhar it-08/12/1953, residenti fil-fond Savoy Terrace, 11/A, Sir H Oakes Street, Gzira, detentur tal-karta ta’l-identita’ 20954(M)**

**U**

**Michael Muscat ta’ 38 sena, bin James u Theresa nee’ Vella, imwieled Pieta nhar il-20/10/1975, residenti fil-fond 14, Axelia, Triq San Frangisk, Mgarr, Malta detentur tal-karta ta’l-identita numru 519575(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija David Schembri u Michael Muscat li gew akkuzati talli nhar il-25 ta’ Settembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, bhala proprjetarju u/jew amministratur/i u/jew direttur/i u/jew provda biex issir xoghol u/jew ghamel xoghol gewwa 10, Triq il-Qacca, Xaghra, Ghawdex, b’diversi atti maghmulin minnhom b’risoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti,

a) kellhom fil-proprjeta’ taht kontroll taghhom sors t’ilma tal-pjan u/jew ghamlu thaffir u/jew xort’ohra kisbu access ghall-istess sors minghajr l-awtorizazzjoni ta’l-awtorita kompetenti jew xort’ohra naqsu jgharrfu lill-awtorita kompetenti li kellhom tali sors.

b) Wettqu xi attivita jew operazzjoni jew kienu ingaggati f’attivita jew operazzjoni tali li tirrigwarda r-rizorsi ta’l-energija, l-ilma u il-minerali meta ma kellhomx licenzja, permess jew awtorizazzjoni ohra minghand l-Awtorita’ ta’ Malta dwar ir-Rizorsi (MRA).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi fuq rapport li ircevew il-pulizija, gie stabbilit illi fil-post numru 10, San Anton, Triq il-Qacca, Xaghra, Ghawdex kien qed isir xoghol ta’ thaffir ta’ borehole. Din hija dar antika u fiz-zmien li saret l-ispezzjoni mill-pulizija kienet qed tigi irrangata biex issir abitabbli. Illi fil-garaxx tal-post irrizulta illi inqalghu xi madum u il-konkos ta’ tahtu u saret bokka fejn l-ewwel saret toqba zghira u zengulija u imbaghad saret toqba iktar fonda li kienet il-borehole mertu tal-kawza. Gol-bokka tal-borehole kien hemm imwahhla katusa tal-plastik kulur griz skur. Il-katusa kienet tisporgi tul ta’ 58cm mill-bokka tal-borehole. Dan kollu gie ikkonstata mill-perit Guido Vella nominat mill-Magistrat Inkwirenti, u ir-rapport tieghu jinsab esebiet fl-atti tal-inkjesta. F’nofs il-garaxx kien hemm forklifter li kien armat

b'winch tahdem bid-diesel.[1] Gol-bore-hole instabet pompa URE100QJ3/137/26 li kienet imnizzla f'fond ta' mija u disgha u tletin metru. Dina l-pompa flimkien mal-wire ta' 139 metri u l-cable tat-three phase li kien fih b'kollox 165 metru gew elevati minn fuq il-post flimkien mal-forklifter. Irrizulta illi il-proprjeta kienet tappartjeni lil certu Robert Pace u il-mara tieghu, filwaqt illi l-imputat Michael Muscat kien gie inkarigat mis-sid sabiex jaghmel dana ix-xoghol. L-imputat l-iehor David Schembri irrizulta illi huwa hu il-mara ta' Pace u inserta kien fuq il-post meta wasslu il-pulizija.

L-imputat David Schembri jirrilaxxja stqarrija u jikkonferma illi dana il-fond ma jappartjeniex lilu izda lil ohtu u lil zewgha. Ighid li dak in-nhar inzerta kien qieghed Ghawdex fejn kien cempillu Robert Pace u talbu jmur jittawwal fil-post tieghu. Ighid illi ma kienx jaf x'xogholijiet qed isiru f'dana il-fond u ghamel xi hin jissorvelja il-haddiema li kien hemm fuq il-post fosthom lill-imputat. Dana jikkonfermah ukoll meta jixhed.

L-imputat Michael Muscat ma jixhidx, izda fl-istqarrija tieghu ighid illi huwa gie inkarigat minn Pace sabiex jara jekk setax itella' ilma mill-ispiera li sab fil-garaxx tieghu permezz ta' pompa. Meta wasal fuq il-post huwa kejjel il-fond ta' dina l-ispiera u induna li kellu bzonn *winch* sabiex inizzel il-pompa. Nizel Malta sabiex igib il-*winch* u rega' mar lura fuq il-post, rama il-pompa u beda inizzilha. Startja il-*generator* u beda itella' l-ilma. Jichad illi huwa kien gie inkarigat minn Pace sabiex ihaffer it-toqba u cahad li x-xoghol ta' thaffir ghamlu hu[2].

Illi Robert Pace qatt ma issejjah mill-prosekuzzjoni sabiex jaghti ix-xhieda tieghu ghalkemm kien jidher illi dina l-proprjeta kienet tappartjeni lilu u li kien hu li inkariga lil Muscat sabiex jinstalla pompa fil-borehole li huwa sab fil-fond.

[1] Ara rapport a fol.23 et. Seq.
[2] Ara stqarrija ta' Michael Muscat a fol.83

Illi mix-xhieda ta’ Dr. Andre Buttigieg li xehed ghan-nom tal-Awtorita ta’ Malta dwar ir-Rizorsi ma jirrizultax illi kienet saret talba sabiex tithaffer bore-hole f’dana il-fond. Dr. Maria Criminale ukoll ghan-nom ta’l-Awtorita issostni illi bejn is-sena 1997 meta inharrgu l-avvizi legali 120 tal-1997 u il-165 ta’l-1997 u is-sena 2008 ma kenux jinhargu licenzji ghat-thaffir ta’ bore-holes.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti ghalkemm jirrizulta illi ma kien inghata l-ebda permess jew licenzja mill-Awtorita ta’ Malta dwar ir-Rizorsi ghat-thaffir tal-bore-hole mertu tal-kawza, madanakollu ma hemmx provi fl-atti dwar min kienet il-persuna li haffret dina il-bore-hole. Ma hemmx dubbju madanakollu illi l-imputat Michael Muscat nizzel pompa f’dina il-bore-hole jew spiera u dana fuq inkarigu moghti lilu minn Robert Pace sabiex ikun jista’ jittella l-ilma minn dana is-sors, haga illi fil-fatt Muscat jammetti illi ghamel.

Ghaldaqstant ghalkemm l-akkuzi ma humiex ippruvati fil-konfront ta’l-imputat David Schembri billi huwa la kellux kontroll fuq dana is-sors ta’l-ilma u lanqas kien l-utent kif definit fil-ligi, dawn jirrizultaw ippruvati fil-konfront ta’ Michael Muscat billi qabel ma ezegwixxa ix-xogholijiet in kwistjoni u refa l-ilma minn dana is-sors huwa ma ivverifikax mal-awtorita kompetenti jekk huma kenux fl-ewwel lok innottifikati bl-esistenza ta’ dana is-sors ta’l-ilma u jekk kienx hemm xi permess jew licenzja biex ikun jista jerfa’ l-ilma minnha.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi Muscat ma kienx is-sid ta’ dana il-fond, izda kien gie inkarigat biss jaghmel ix-xogholijiet in kwistjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3, 4 u 6 ta’l-Avviz Legali 120 ta’l-1997, filwaqt li tillibera lill-imputat David Schembri mill-akkuzi migjuba il-konfront tieghu, issib lill-imputat Michael Muscat hati ta’ dawn l-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hwua jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta’ liberta kundizzjonata.

Wara li rat l-artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Michael Muscat ihallas is-somma ta’ €592.27 in konnessjoni ma’l-ispejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------